MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 883/2008

**NLA Systems Ltd – C-15478**

**Vs**

**Creations the Ultimate in Bathroom Design Ltd – C-23867**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta’ Novembru 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €1,330.26c (elf tliet mija u tletin ewro u sitta u ghoxrin centezmu) rapprezentanti valur ta’ servizzi provduti lis-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mit-30 ta’ April 2007.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 22 ta’ Jannar 2009 fejn ikkontestat it-talba attrici peress illi s-servizz moghti ma kienx skond is-sengha u l-arti stante li l-

problemi ta’ software mhux biss ma gewx solvuti izda anke ikkawza problemi lill-istess socjeta konvenuta. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet inkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Noel Abela ghas-socjeta attrici fl-affidavit tieghu jafferma illi s-socjeta konvenuta kienet ilha klijenta u kwindi tinqeda bis-servizzi tas-socjeta attrici ghal disa snin shah. Kienu jigu provduti business software u xoghol iehor relatat. Jghid illi s-socjeta konvenuta qatt ma kienet thallas fil-pront pero minn April 2007 l-invoices pendenti kienu bdew jakkumulaw. Permezz ta’ email datata 8 ta’ Novembru 2007 (Dok NA1) is-socjeta konvenuta kienet ikkontestat xi invoices pendenti. Gie osservat pero li s-socjeta konvenuta qatt ma ghazlet li tiffirma maintenance agreement mal-atturi pero xorta wahda bdiet tippretendi li ghandha tibbenefika mill-vantaggi ta’ tali ftehim. Illi bil-ghan li tinghalaq din il-pendenza s-socjeta attrici xorta wahda tat ‘credit note’ lill-konvenuti fl-ammont ta’ Euro323 (Dok NA2) kif jirrizulta minn email ohra Dok NA 3. Malgrado tali tnaqqis, is-socjeta konvenuta baqghet ma halsitx il-bilanc dovut. Meta kkomunikati bit-telephone, certa Maroushka ghas-socjeta konvenuta stqarret li xorta wahda ma kienx ser isir il-pagament mitlub peress illi affermat li l-accounting software ma lahaqx l-aspettazzjonijiet taghhom. B’rejazzoni ghal din it-twegiba ntbghatet l-ittra esebita bhala Dok NA 4. Peress illi s-socjeta konvenuta qalbet ghal software gdid ma kellhomx aktar bzonn is-servizzi tas-socjeta attrici u ghalhekk hasbu li setghu jiskansaw l-obbligi passati taghhom ta’ hlas.

Jigi notat li f’Dok NA1 is-socjeta konvenuta tafferma li kienet sejra taghmel il-hlas relattiv dovut hekk kif tircievi credit notes minghand l-atturi. Dan jinsab aktar spjegat fl-istess dokument a fol 11;

Jigi notat li f'Dok NA2 is-socjeta attrici hargu fil-fatt diversi credit notes kif mitlub mill-konvenuti;

Jigi notat li f'Dok NA3 u Dok NA4 il-posizzjoni tal-atturi giet aktar kristalizzata u ccarata;

Barra minn hekk meta l-istess Noel Abela xehed viva voce, huwa kompla jistqarr li fid-disa snin kemm damu jaghtu servizz lill-konvenuti, huma qatt ma rcevew xi ilmenti ta' natura sostanzjali minghandhom. Fil-fatt fis-sena 2006, il-konvenuti anke xtraw pakkett shih gdid ghal payroll li kienet sistema awtonoma u kwindi mhux konnessa mas-sistema ezistenti u ghalhekk is-socjeta konvenuta setghet facilment ordnata minghand haddiehor. Gew esebiti wkoll d-delivery notes kollha konnessi mat-talba odjerna. In kontro-ezami dan ix-xhud jikkonferma illi s-servizz li jaghtu dejjem ikun fuq livell professjonali u skond is-sengha u l-arti rrispettivament mill-fatt jekk il-klijent ikollux service agreement maghhom o meno. Huwa jafferma li ddecieda li johrog il-credit notes favur is-socjeta konvenuta semplicement bhala kompromess biex jaqta l-pendenza u mhux il-ghaliex kien qed jaqbel mal-argument imressaq mill-istess socjeta.

Colin Attard technician tas-socjeta attrici ighid li huwa kien il-persuna li nstalla s-software in kwistjoni lis-socjeta konvenuta w kien jiehu hsieb ukoll il-maintenance tal-istess. Jafferma li ilu jahdem b'dan is-software ghal dawn l-ahhar tmintax il-sena u hadd qatt ma ilmenta mieghu li dan ma kienx qed jahdem. In kontro-ezami qal li fuq medda ta' sena huwa kien imur aktar minn darba ghand il-konvenuti. Jispjega li lejn l-ahhar kien imur ghand is-socjeta konvenuta biex jassistihom fuq problema li kellhom in konnessjoni ma materja li socjetajiet ohra ma kienux iltaqghu maghha, pero in segwitu ighid ukoll li fuq medda ta' ghaxar snin gieli mar ghand il-konvenuti biex jassistihom fuq problemi li kellhom socjetajiet ohra li kienu qed juzaw l-istess sistema. Problema partikolari li kellha s-socjeta konvenuta kienet provenjenti minn 'corrupt file'. Dan jista jissuccedi ghal numru ta' ragunijiet barra mill-kontroll tas-socjeta attrici u certament mhux provenjenti

mis-software. Gieli mar jassistihom ukoll fuq numru ta' problemi differenti f'okkazjonijiet precedenti. Jikkonferma li kul darba li sar tibdil fis-software dan sar fuq talba tas-socjeta konvenuta u mhux il-ghaliex kien hemm il-hsara fis-sistema.

Andrew Camilleri, direttur tas-socjeta konvenuta xehed illi huwa kien thajjar jibda juza s-sistema offruta mis-socjeta attrici peress illi kienet qed tigi reklamata li kienet 'guaranteed for life'. Il-ftehim kien li l-atturi jhaddmu l-computers tal-konvenuti b'din is-sistema taghhom filwaqt li in kambju s-socjeta konvenuta kienet ser thallashom lura billi tissupplixxihom bil-bathrooms u hekk bdew jahdmu bejniethom. Li beda jigri kien li l-lista tad-'debtors' u 'creditors' fuq id-'day books' ma bdietx taqbel mal-istess lista fuq il-'general leisure'. Huma kienu rrapportaw din il-problema lis-socjeta attrici li kienu jibghatu t-'technicians' taghha daqqa certu Colin u daqqa certu Martin li ghalkemm kienu jaggustawha kull darba kienet xorta wahda terga tinqala lejn l-ahhar ta' kull sena. Jafferma li din il-problema kienet qed tigi riskontrata minn tliet socjetajiet ohra li ghandhom konnessjoni mal-konvenuti u li kienu juzaw l-istess sistema. Meta ra li din il-problema ma kienitx qed tigi solvuta, ha decizjoni li jibdel ghal kollox is-software u dana anke fuq parir tal-awditur tieghu li qallu li s-sistema ma kienitx reliable. Jafferma wkoll li s-socjeta attrici qatt ma tawhom soddisfazzjoni dwar x'kien qed jikkawza tali problema. Ighid ukoll li din il-problema kienet qed tikkawzalhom 'delay' fix-xoghol tal-'accounts'.

Maroushka Camilleri Barbara fl-affidavit taghha tghid li meta kienet hadmet fuq is-sistema precedenti maghrufa bhala 'sage' qatt ma rriskontrat problemi. Is-sistema tas-socjeta attrici kienet tali li l-inputting li jsir fuq is-sistema *bis* tigi trasferita b'mod awtomatiku fuq is-sistema *nla* prevja sistema ta' verifika b'ghafsa ta' buttuna ohra. Suppost li tali sistema kienet '*error free'.* Meta gieli t-transfer tad-data ma kienx isir u dan kien jigi indikat mis-sistema kienu jcemplu lill-atturi ghall-assistenza li da parti taghhom kienu jaggustaw din il-problema mill-ufficini taghhom stess. Ghalkemm l-atturi kienu fil-bicca l-kbira jitfghu l-kolpa fuq is-sistema tad-dawl, din l-iskuza ma

setghetx tkompli treggi wara li l-konvenuti kienu nstallaw l-‘UPS system’. Dawn il-problemi kienu jinqalghu l-aktar lejn l-ahhar tas-sena meta jkunu ser jaghlqu l-kotba tal-accounts. Il-problema kienet tkun aktar serja meta s-sistema ma kinietx tinnota bl-‘error’ fit-‘transfer’ u kwindi t-‘transfer’ tad-data kien jibqa ghaddej bl-informazzjoni u data nieqsa. Bhala prova ta’ tali diskrepanzi dan ix-xhud esebixxa zewg dokumenti li jirreferu ghas-sena 2006 u 2007; Tant kienet qed tohloqilhom problema fl-accounts ta’ kull sena li l-awdituri taghhom ma setghux jistriehu aktar fuqha u ghalhekk waslu biex iddecidew li jibdlu ghal kollox din is-sistema. Tghid li bdew jikkontestaw it-talba ghal hlas mis-socjeta attrici u ghalkemm dawn ta’ l-ahhar tawhom ‘credit notes’, xorta wahda hassewhom li ma kellhomx ihallsu l-kumplament in vista tal-problemi li kienu affaccjaw sena wara l-ohra.

Reuben Buttigieg l-accountant tas-socjeta konvenuta ghal dawn l-ahhar tliet snin ighid li huwa kien jiffaccja problemi sostanzjali sabiex ilesti l-accounts taghha minnhabba problemi fl-‘accounting software’. Dawn il-problemi kienu jirrisalu fejn tidhol il-komunikazzjoni bejn ‘module’ u iehor. Ighid ukoll li s-‘software’ ma kienx qed izomm korrettement id-‘double entry system’. Ikompli jispjega li dawn il-problemi kienu qed jirrepetu ruhhom u dana nonostante l-fatt li kienu jigu t-‘technicians’ biex jirrimedjawhom. Ghal dawn ir-ragunijiet hass li dan is-‘software’ ma kienx ta’ livell adekwat u soddisfacenti. Jafferma li tali problema ma kienitx gejja minn naha ta l-inputting izda pjuttost mis-sistema awtomatika ta’ ‘transfers’ ta’ data. Dawn il-problemi kienu wkoll qed iservu biex ikun hemm dewmien fit-tlestija tal-accounts. Kien ghalhekk li huwa ssuggerixxa lis-socjeta konvenuta biex taqleb ghal sistema ohra aktar ta’ standard adekwat. Illi ta’ min isemmi pero li dan ix-xhud kien ilu jahdem mas-socjeta konvenuta ghal dawn l-ahhar tliet snin u nofs filwaqt li s-sistema kienet ilha installata sa mis-sena 1999. Illi ghalhekk ma johrogx car la mix-xhieda tieghu w anqas mix-xhieda l-ohra prodotti mis-socjeta konvenuta, sewwa sew mis-sena 1999 ‘l hawn, meta fil-fatt is-socjeta konvenuta bdiet tirriskontra l-ewwel darba dawn it-tip ta’ problemi li skond huma kienu rikorrenti ta kull-sena.

Illi jigi osservat li mill-mod kif jinsabu ntavolati l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenut ghandu jirrizulta li l-ammont per se ma kienx qed jigi strettament kontestat. Li qed jinghad hu li s-socjeta konvenuta jidrilha li ma ghandhiex thallas ghal servizz li skond hi baqa jtiha problemi rikorrenti. Illi in vista tal-premess ghalhekk, l-oneru tal-prova jinkombi fuq is-socjeta konvenuta biex turi b'mod soddisfacenti li s-sistema nstallata tant kienet hazina li ma setghetx tkompli taghmel uzu minnha.

Illi mill-provi rrizulta li s-socjeta konvenuta gieli rriskontraw problemi fis-'software' tul l-ghaxar snin kemm kienu ilhom jahdmu biha pero rrizulta wkoll li ghal kul problema lamentata s-socjeta attrici dejjem tawhom servizz ta assistenza tramite t-technicians taghhom li kul darba skond l-istess socjeta konvenuta stess kienu jaggustaw l-istess problema. Illi jekk fl-ahhar minn l-ahhar is-socjeta konvenuta hasset il-htiega li tahdem b'sistema ohra, skond huma aktar 'reliable', kellhom kull dritt li jaghmlu dan pero b'daqshekk ma jfissirx li setghu jezimu ruhhom mill-obbligu li jhallsu l-pendenzi li kellhom u ghad ghandhom mas-socjeta attrici. Dana qed jinghad anke fid-dawl tal-kontenut ta' Dok NA1 (u dokumenti annessi) fejn is-socjeta konvenuta kienet inkarikat ruhha li thallas dak minnha dovut hekk kif il-kont jigi rivedut u tircievi l-'credit notes' relattivi. L-istess socjeta konvenuta baqghet ma hallset xejn anke wara li rceviet il-'credit notes' mitluba. Illi l-verzjoni u l-argument tas-socjeta konvenuta lanqas ma huwa daqstant kredibbli peress illi jekk inhu minnu wiehed ma jistax jifhem kif dawn hadmu fuq sistema li kienet tatihom daqstant rizultati kontrastanti ghal ghaxar snin shah. Kumbinazzjoni meta gew biex jibdlu s-sistema wara ghaxar snin li bdew jilmentaw bil-qawwa kemm ma setghux ikomplu jahdmu biha u kienet b'kumbinazzjoni wkoll li kien hemm u ghad hemm bilanc ta' flus pendenti dovuta minnhom lis-socjeta attrici. Illi ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaqbel mat-tezi sollevata mill-konvenuti u wisq anqas ihoss li tali verzjoni taghhom giet soddisfacentement ipprovata.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' €1,330.26c (elf, tlett mija u tletin ewro u sitta u ghoxrin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjes ta' din l-istanza a kariku ta' l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------